KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 23 ta' April, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Jean Carl Agius Ciscaldi
Mario Calleja
Maria Baldacchino

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace
Carmen Borg
Antoine Vassallo
Maria Mallia

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**12.02** **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

12.02.01 Ix-xogħol lest fi Triq Ġużè Maria Camilleri, imma baqa' xi xogħol fi Triq Manuel Magri però fuq dan qed aktar informazzjoni u updates tal-pjanti mingħand tal-perit.

12.02.02 Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju ma kienx hemm updates

12.02.03 Bħalissa għadha għaddejja l-ħidma fuq l-applikazzjoni tal-*obstical course*.

12.02.04 Il-parkeġġ tal-Liċeo beda jintuża, fejn bdiet kampanja fuq il-media soċjali. Daħlu ammont sabiħ ta' applikazzjonijiet. Wasal ukoll biex jintlaħaq ftehim għall-parkeġġ fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli.

12.02.05 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Atoċja, qed ikun hemm diskussjonijiet ma' Public Works biex jibda x-xogħol.

12.02.06 Ix-xogħol tan-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa kważi lest. Li baqa' huwa relatat mad-dawl u l-aħħar xogħolijiet żgħar. Hemm ukoll xi nuqqasijiet żgħar li qed jiġu rranġati mill-kuntrattur.

12.02.07 Fuq dan il-punt il-Kunsillier Vince Bonello qal li kien hemm xi nies li avviċinawh fuq il-fatt li peress li l-ħitan saru tas-sejjieħ jistgħu joħolqu issues bl-insetti, però huwa qal li tkun idea tajba li dawn jiġu ifflitjati bi prodotti tajba minn żmien għal żmien.

12.02.08 Is-Sindku qal li bħala pjanti se jkunu se jiġu mogħtija minn Ambjent Malta. Wara dan ġie diskuss ukoll li wara l-inawgurazzjoni uffiċjali se tkun qed issir quddiesa u bibita żgħira.

12.02.09 Fuq l-impjegati s-Sindku reġa' informa lill-Kunsilliera li se tibda persuna ġdida fil-bidu ta' Mejju biex inkomplu nsaħħu l-istaff.

12.02.10 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden ġie miftiehem li l-lift minn dak ta' 8 persuni se jiġi 12-il persuna u differenza se titħallas b'riklam fuq il-magazine li joħroġ il-Kunsill. Xogħol fuq dan il-proġett mixi imma b'ritmu li xogħol għadu mhux viżibbli.

12.02.11 Fuq it-tender tal-Carpark bħalissa qed issir ħidma fuqu. Għalkemm huwa xi ftit ikkomplikati qed isir xogħol biex jinħareġ f'qasir żmien.

12.02.12 Is-Sindku qal li rigward il-Y-plates qed isiru diversi avviżi fuq il-karozzi stess. Qed isiru ukoll diversi spotchecks ta' kuljum, dan qed iwassal li dawn naqsu ħafna. Saret diskussjoni libera fuq dan il-każ.

12.02.13 Is-Sindku informa li l-kunsilliera li bħalissa għaddej x-xogħol fis-Sala Joseph Zammit Cordina. Il-kunsill kien applika u ħa xi fondi biex isir dan ix-xogħol, li se jkun jikkonsisti li ħajt minnhom jiġi fuq il-ġebla, l-oħrajn jingħataw żebgħa u restawr ieħor anke fuq il-biċċa ta' barra.

12.02.14 Is-Sindku informa lill-kunsilliera fuq każ relatat mal-parroċċi tagħna. Huwa qal li bħala Kunsill ngħinu ħafna fejn u meta jkun possibbli. Punti li xtaq isemmi huma li bħala kunsill ħass li kellu jikteb lill-Kappillan u lill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni. Huwa qal li ma kienx sew li l-kunsill, wara li kien ta' sostenn kbir fil-Mixja ta' Kristu fi Triqatna, ma kienx parti mill-purċissjoni. Fil-kitba ġie muri d-diżappunt tal-Kunsill. Fuq l-istess tema, intbagħtet korrispondenza lill-Kappillan għall-fatt li fl-ebda każ ma irringrazzja lill-kunsill tal-għajnuna tiegħu.

12.02.15 Il-Kunsilliera Maria Mallia kienet issuġġeriet li ssir attività bit-tema tal-għana, fejn din ġiet approvata li se ssir fl-20 ta' Ġunju, fi Pjazza San Pawl. Importanti li nħeġġu n-nies jattendu. Din l-attività se tiġi tiswa €550. Kunsill approva.

## 12.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.03.01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju, li se tkun festa, se jsir carshow b'karozzi Amerikani biss, fejn kienu huma stess li avviċinaw lill-Kunsill. Se jieħdu ħsieb kollox huma, fejn bħala Kunsill se nieħdu ħsieb d-divertiment. Is-Sindku qal li jkun hemm żona tat-tfal ukoll. Bħala divertiment se jkun hemm Freddie Portelli u imitatur ta' Elvis. Huwa qal li huwa mportanti li kulħadd jgħin fejn jistaw fosthom xi gruppi ta żeffiena country ect, bl-għan li din tkun aktar interessanti għan-nies.

12.03.02 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-Kunsill ġie avviċinat ukoll min sid ta' ħanut, fejn dan għandu ukoll kuntatti ma' Sqalli, fejn dawn huma popolari għall-pizza fauta li hija pizza tradizzjonali ta' Sqallija. Huwa infurmana li dawn se jiġu hawn u jieħdu sehem fl-attività billi anke jagħmlu shows tal-pizza. Din se ssir fi Triq Oscar Zammit, f'żona li ma tantx issiru attivitajiet. Apparti fl-imsemmija triq, se ssir l-attività ukoll fi Triq Franġiskani ukoll biex jipparteċipaw din il-komunità ukoll fejn se jiġu avviċinati anke biex ikun hemm attivitajiet għat-tfal.

12.03.03 Fuq din l-attività se tkun qed issir laqgħa biex ikun hemm aktar dettalji, u jiġu mogħtija fil-laqgħa li jmiss.

12.03.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wieħed mill-impjegati ingħata final warning fuq użu ta' vann tal-kunsill mingħajr permess u approvazzjoni. Kif ukoll għamel użu tal-batterija tal-vann bla permess.

12.03.05 Is-Sindku qal li waslet l-istima relatata mal-pompa li hemm bżonn biex jitla l-ilma biex jinsaqu l-pjanti tar-roof garden. Saret stima mill-inġinier u issa hawn stima uffiċjali li hija ta' €39elf. Għalkemm din ma kienetx inkluża fil-budget oriġinali. Però din hija bżonjuża. Dan ġie approvat mill-kunsill.

**12.04** **Korrispondenza**

12.04.01 Għal darba oħra se nkunu qedin noffru servizz ta' testijiet b'xejn fuq jumejn għal fuq minn mitt persuna. Dawn is-servizzi se jkunu testijiet tad-demm, ECG u anke ittestjar tal-pressjoni. Dawn se jsiru nhar il-Ġimgħa 23 u s-Sibt 24 ta' Mejju.

12.04.02 Il-Kunsilliera ġew mistiedna għal diversi attivitajiet fosthom relatati mal-festa ta' San Ġużepp fil-Ħamrun

**12.05** **Festa Kunċizzjoni**

12.05.01 Il-Kunsill se jkun qed jgħin bħal kull sena.

12.05.02 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li n-nar se jkun qed isir fi Triq Manuel Magri ma Triq Joe Sciberras

**12.06** **Jum il-Ħamrun**

12.06.01 Nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju huwa Jum il-Ħamrun fejn bħal kull sena se ssir l-attività annwali li tikkonsisti fil-quddies u serata wara. Se ssir laqgħa oħra fil-viċin tad-data biex kulħadd jikkontribwixxi għan-nominazzjonijiet. Dawn se jkunu Qalb San Ġorġ Preca, xi rikonoxximenti u persuna waħda li tingħata Ġieħ il-Ħamrun. Huwa mportanti li għal din il-laqgħa li se ssir nhar 7 ta' Mejju fil-5.30pm, jkun hemm lista ta' nies li ikunu nnominata għall-possibilità ta' rikonoxximent. Il-Kunsilliera qablu li kulħadd se jkun qed jagħti s-sehem tiegħu.

12.06.02 Il-Quddiesa se ssir fil-Knisja ta' San Gejtanu.

**12.07** **Attivitajiet**

12.07.01 Imsemmija aktar 'il fuq fil-komunikazzjoni tas-Sindku.

**12.08** **Tenders**

12.08.01 Kif issemmgħa aktar kmieni qed isir xogħol fuq it-tender tal-carpark u tal-bulky refuse, li ħareġ u għandu jagħlaq daqt. Kif ukoll qed jinħadem dak tal-latrini pubbliċi. Saret diskussjoni libera fuq dawn.

**12.09** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

12.09.01 Il-Kunsillier Mario Calleja wassal diversi ringrazzjamenti ta' interventi li saru mill-kunsill. Huwa qal ukoll li qed jara li hemm issues relatati ma skart, però fuq dan il-punt is-Sindku qal, li bħalissa hemm membru tal-istaff li qed idur u fejn jara dawn il-boroż u jwaħħal stiker li turi li l-borża hija ħażina.

12.09.02 Il-Kunsillier Mario Calleja tkellem rigward in-nuqqas ta' dawl fi Ġnien Oreste Chircop. Fuq dan, is-Sindku informa lill-kunsilliera li se jkun qed jinbidel id-dawl.

12.09.03 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li ġie mistoqsi rigward il-pjanti li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku nforma li dawn se jkunu qed isiru.

**12.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

12.10.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 03.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Mario Calleja u sekondat minn Maria Mallia.

**12.11 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 21 ta Mejju 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv